MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru. 318/2004

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J GATT
VS
KEITH ZAMMIT
LUANA SCERRI
SAMARIA SCERRI

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Keith Zammit ta' 22 sena bin Joseph u Dolores Freeman mwieled Pieta fs-26 ta' Jannar 1982 u joqghod 99, Flat 2, Triq ir-Repubblika Valletta ID 89182M;
Luana Scerri ta' 28 sena bint Herman u Giovanna Curmi, imwielda Attard fl-1 ta' Dicembru 1975 u toqghod 21, Flat 3, Triq il-Punent, Valletta ID 548475M; u
Samaria Scerri ta' 25 sena bint Herman u Joanna Curmi, mwielda San Giljan fid-9 ta' Marzu 1979 u toqghod 153, Flat 4, Triq il-Punent Valletta Id 199579M;
Talli fl-20 ta' Jannar 2002 gewwa l-Imsida ghal habta tat-3am iddenunzjaw lill-pulizija Esekuttiva reat li jafu li ma

sarx, inkella bil-qerq holqu tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi halfu falz quddiem ufficjal iehor li kellu is-setgha b’ligi li jaghti il-gurament.

Lil Keith Zammit biss talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq il-vettura Fiat Punto DEC 027 ta’ Luana Scerri, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara hija izjed minn Lm500.

Lil Luana Scerri biss talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharqet vettura Opel Astra KTH 261 ta’ Keith Zammit mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ hsara hija izjed minn hames mitt lira maltin.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputati sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-6 ta’ Dicembru 2004 fejn l-imputati ammettew ghall-ewwel u it-tieni akkuza.

Rat l-istess verbal tas- 6 ta’ Dicembru 2004 fejn l-imputati Keith Zammit u Luana Scerri irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta’ xulxin. u li mhu qed jippretendu xejn minghand xulxin.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-ewwel u it-tieni akkuza.

Fil-konfront ta’ Keith Zammit u Luana Scerri il-Qorti wara li rat Art 110(2), 108, 325 tal-kap 9 u Art 7 tal-kap 446 tqieghed lill-imputati taht ordni ta’ probation ghal perjodu

ta’ tlett snin u dan taht is-supervizzjoni ta’ probation officer li ghandha tigi nominata mid-Direttur tal-Probation Services.

Filwaqt li fil-konfront ta’ Samaria Scerri ssibha hatja tal-ewwel u it-tieni akkuza u wara li rat Art 110(2), 108 u 325 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------